

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1399**tat-28 ta' Lulju 2017****li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 rigward l-użu tal-poliaspartat tal-potassju****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 10(3) u 14 tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) L-addittivi tal-ikel biss li huma inklużi fil-lista tal-Unjoni fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw fl-ikel skont il-kundizzjonijiet ta' użu speċifikati hemmhekk.
- (3) Xi addittivi tal-ikel huma intiżi għal użi speċifiċi għal ċerti prattiki u proċessi enoloġiċi. L-użu ta' tali addittivi tal-ikel għandu jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 u mad-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.
- (4) Id-dispożizzjonijiet speċifiċi li jawtorizzaw l-użu tal-addittivi fl-inbid huma stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/232/KE ⁽⁴⁾ u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 ⁽⁵⁾ u fil-miżuri ta' implimentazzjoni tagħhom.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 ⁽⁶⁾ jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (6) Il-lista tal-Unjoni u l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jiġu aġġornati skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, jew b'inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li tkun saret appllikazzjoni.
- (7) Fl-24 ta' Frar 2015 tressqet appllikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-poliaspartat tal-potassju bħala stabilizzatur fl-inbid. L-applikazzjoni saret disponibbli għall-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.
- (8) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel evalwa s-sikurezza tal-poliaspartat tal-potassju bħala addittiv tal-ikel u, fl-opinjoni ⁽⁷⁾ tagħha tad-9 ta' Marzu 2016, ikkonkludiet li l-użu propost fl-inbid flivell massimu ta' 300 mg/L u flivelli tipiċi fil-firxa ta' 100-200 mg/L ma jagħtix problemi ta' sikurezza.

⁽¹⁾ ĠUL 354, 31.12.2008, p. 16.⁽²⁾ ĠUL 354, 31.12.2008, p. 1.⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671).⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/232/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-Kummerċ tal-Inbid (ĠUL 87, 24.3.2006, p. 1).⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 tal-10 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tal-kategoriji tal-prodotti tad-dwieli, il-prattiċi enoloġiċi u r-restrizzjonijiet appllikabbli (ĠUL 193, 24.7.2009, p. 1).⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 83, 22.3.2012, p. 1).⁽⁷⁾ EFSA Journal 2016;14(3):4435.

- (9) Il-poliaspartat tal-potassju jaġixxi bħala stabilizzatur kontra l-preċipitazzjoni tal-kristalli tat-tartrat fl-inbid (aħmar, rosé u abjad). Iżid il-konservabbiltà u l-istabbiltà tal-inbid u l-użu tiegħu ma għandux effett fuq il-karatteristiċi organolettiċi. Għalhekk jixraq li l-poliaspartat tal-potassju jiġi inkluż fil-lista ta' addittivi tal-ikel tal-Unjoni u li jiġi assenjat lil n-numru E 456 sabiex ikun jista' jiġi awtorizzat bħala stabilizzatur fl-inbid fid-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.
- (10) L-ispeċifikazzjonijiet għall-poliaspartat tal-potassju (E 456) għandhom jiġu inklużi fir-Regolament (UE) Nru 231/2012 meta jiġi inkluż għall-ewwel darba fil-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (11) Għaldaqstant, ir-Regolamenti (KE) Nru 1333/2008 u (UE) Nru 231/2012 għandhom jiġu emendati skont dan.
- (12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

Fil-punt 3 “Addittivi għajr kuluri u sustanzi li jagħtu l-ħlewwa”, tal-Parti B tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, tiddaħħal l-entrata l-ġdida li ġejja wara l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 452:

“E 456	Poliaspartat tal-potassju”
--------	----------------------------

ANNEX II

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012, tiddaħħal l-entrata l-ġdida li ġejja wara l-entrata għall-addittiv tal-ikel E 452(iv):

“E 456 POLIASPARTAT TAL-POTASSJU

Sinonimi	
Definizzjoni	L-aspartat tal-potassju huwa l-melħ tal-potassju tal-aċidu poliaspartiku, prodott mill-aċidu L-aspartiku u mill-idrossidu tal-potassju. Il-proċess termiku jitransforma l-aċidu aspartiku fil-polisuċċinimid li huwa insolubbli. Il-polisuċċinimid jiġi ttrattat bl-idrossidu tal-potassju sabiex iċ-ċirku jinfetaħ u l-unitajiet jiġu polimerizzati. L-aħħar pass huwa l-fażi tat-tnixxif bl-isprej, li tirriżulta fi trab kannella ċar
In-numru CAS	64723-18-8
Isem kimiku	Aċidu L-aspartiku, omopolimeru, melħ tal-potassju
Formula kimika	$[C_4H_4NO_3K]_n$
Piż molekulari medju	Madwar 5 300 g/mol
Assaġġ	Mhux inqas minn 98 % fuq bażi ta' piż xott
Daqs tal-partikola	Mhux anqas minn 45 µm (mhux aktar minn 1 % tal-piż tal-partikoli ta' anqas minn 45 µm)
Deskrizzjoni	Trab kannella ċar, mingħajr riħa
Identifikazzjoni	
Solubbiltà	Jinħall ħafna fl-ilma u kemxejn solubbli fis-solventi organiċi
pH	7,5-8,5 (soluzzjoni milwiema ta' 40 %)
Purità	
Grad tas-sostituzzjonijiet	Mhux inqas minn 91,5 % fuq bażi ta' piż xott
Telf fit-tnixxif	Mhux aktar minn 11 % (105 °C, 12-il siegħa)
Idrossidu tal-potassju	Mhux aktar minn 2 %
Aċidu aspartiku	Mhux aktar minn 1 %
Impuritajiet oħrajn	Mhux aktar minn 0,1 %
Arseniku	Mhux aktar minn 2,5 mg/kg
Ċomb	Mhux aktar minn 1,5 mg/kg
Merkurju	Mhux aktar minn 0,5 mg/kg
Kadmju	Mhux aktar minn 0,1 mg/kg”